# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/06, it-Tnejn 18 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 6 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru fil-5 u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Wistin Vella | Viċi Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| | |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI**

Hadd

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:34pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*6.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*6.4 Korrispondenza*

*6.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*6.7 Bordijiet ta' Evalwazzjoni għas-sejħiet ta' offerti maħruġa;*

*6.8 Attivitajiet għax-xhur li ġejjin;*

*6.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

## 6.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

6.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kinx irċieva ittri ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

## 6.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

6.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sidku u mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Clayton Gauci daħal fil-5:40pm

## 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 Is-Sindku li matul l-aħħar tmiem il-Ġimgħa kien sar att vandalistiku fil-lattrini ta' Wesgħat il-Ġublew, fejn sar tkissir fil-lattrini. Minħabba f' hekk il-Kunsill iddeċieda li dawn il-lattrini jibdew jingħalqu bil-lejl.

6.3.2 Is-Sindku informa li r-Reġjun Tramuntana kien ser joħroġ sejħa għall-CCTV camera. Il-Kunsill qabel li japplika għalihom u kien hemm qbil li kien hemm bżonn li jitwaħħlu f' Wesgħat il-Ġublew biex jitnaqqsu l-atti vandali bħalma ssemma' fil-punt ta' fuq.

6.3.3 Ix-xogħol fil-proġett tal-mixtla fiz-zona tal-Facciol miexi u it-tħaffir tal-ġiebja wasal biex ikun konkluż, qal is-Sindku.

6.3.4 Is-Sindku semma' li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mas-CEO tal-Maltapost dwar il-ġbir ta' pakketti fl-Imġarr. Kien hemm qbil li, jekk hu possibbli, jiġu installatti 'easypic' fil-kamra ta' fejn hemm l-ATM fi' Triq Fisher, biex ir-residenti ikun jiġbru il-pakketti tagħhom min hemm bil-kumdita' tagħhom.

6.3.5 Is-Sindku semma' li kellu laqgħat dwar proposta ta' applikazzjoni ta' fondi għall-kollezzjoni artistika ta' Dame Tempra miżmuma fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

## 6.4 Korrispondenza

6.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

6.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ċirkolari mid-DLG dwar proposta ta' installazzjoni ta' smart-bins fil-lokalitajiet. Il-Kunsill, wara li ddiskuta, qabel unanimament li ma japplikax għalihom.

6.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill id-Direttiva 4/2019 dwar il-funzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali.

6.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mid-DLG fejn fiha il-Kunsill kie qed jirċievi €2754.00 taħt l-iskema tal-libreriji.

6.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet saret applikazzjoni sabiex il-fondi tal-LESA għall-attivitajiet u inizzjattivi immanniġġjat mill-AKL għall-Kunsill, li jammontaw għal-€4000, sabiex dawn jintużaw biex isiru sezzjonijiet ta' tagħlim addizzjonali għat-tfal tal-aħħar 3 snin tal-primarja biex dawn l-istudenti ikollhom għajnuna wara l-iskola. Hemm il-pjan ukoll sabiex jinxtara Interactive-Monitor biex dawn is-sezzjonijiet ikunu aktar effettivi.

## 6.5 Temi ta' xogħol ieħor li l-Kunsill jista' jkollu bżonn

6.5.1 Is-Sindku semma li kien hemm talba sabiex issir clean-up oħra fiz-zona tal-Ballut. Il-Kunsill qabel li ssir u li l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu. Kien hemm qbil ukoll li terġa ssir xatba biex tilimita l-aċċess għal din iż-żona biex jitwaqqaf ir-rimi illegali. Hemm il-ħsieb ukoll li jitħawwlu aktar siġar f' din iz-zona.

## 6.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

6.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 5/8 2019 li kienet tammonta għal €85,416.52.

6.6.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament u għalhekk ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, u minn Kunsillieri oħra.

## 6.7 Bordijiet ta' Evalwazzjoni għas-sejħiet ta' offerti maħruġa

6.7.1 Il-Kunsill agħżel il-membri li għandhom iservu fuq il-bordijiet tal-Evalwazzjonijiet tat-3 sejħiet tal-offerti li ħareġ riċentement il-Kunsill. Dawn il-membri huma:

- ***MGR 2019/01 : Servizz ta' knis ta' toroq urbani u non-urbani fil-lokalita' tal-Imġarr***
  - Chairperson : Paul Vella
  - Segretarju tal-Bord : Cyprian Dalli
  - Evalwaturi : Adrian Mifsud, Tiziana Borg Busuttil u Clayton Gauci

- ***MGR 2019/02 : Manutenzjoni ta' toroq non-urbani u xogħlijiet anċillari***
  - Chairperson : Paul Vella
  - Segretarju tal-Bord : Cyprian Dalli
  - Evalwaturi : Etienne Magri, Odette Muscat u Tiziana Borg Busuttil

- **MGR 2019/03 : Forniment u twassil ta' konkos, bankini tal-konkos u briks tal-konkos**
    - Chairperson : Paul Vella
    - Segretarju tal-Bord : Cyprian Dalli
    - Evalwaturi : Perit Etienne Magri, Wistin Vella u Clayton Gauci

**6.8 Attivitajiet fix-xhur li ġejjin**

6.8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet u l-ġranet tal-attivitajiet fix-xhur li ġejjin.

6.8.2 Fil-5 ta' Diċembru fis-6:30pm il-Kunsill ser iżomm il-Laqgħa Anwali tal-Kommunita' fis-sala tal-Kunsill. Wara ssir bibita fil-bini tal-Kunsill stess.

6.8.3 Fis-6 ta' Diċembru ser jittella' l-ewwel serata tal-International Choir Festival organizzat mir-Reġjun Tramuntana fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr.

6.8.4 Bejn il-5 u t-8 ta' Diċembru ser issir wirja ta' presepji u showcase tal-crafts li jagħmlu l-anzjani fil-bini tal-Kunsill.

6.8.5 Fit-13 ta' Diċembru ser issir ħarġa għall-anzjani.

6.8.6 Fit-23 ta' Diċembru hija ppjanata li ssir attivita' ta' tindif.

**6.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa**

6.09.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għat-Tnejn, 16 ta' Diċembru 2019, fil-5:30pm.

6.09.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7:03pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |